VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 26 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 168 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors li jwassal għall-Grad ikopri l-aktar taqsimiet studju li jittrattaw il-liġi u tali taqsimiet studju oħra f'qasam mhux legali kif indikat fil-programm ta' studji.

(2) Il-Kors li jwassal għad-Diploma jkopri l-aktar taqsimiet studju dwar il-liġi tal-proċedura."

**L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali**

4. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Il-programm ta' studji għall-Grad għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 kredtu."

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 26 of 2012**

**EDUCATION ACT**
**(CAP.327)**

**Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergrduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Laws – LL.B. - and the Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – under the auspices of the Faculty of Laws**

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Laws in virtue of the powers conferred upon it by article 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by article 81 (2) of the said Act:

**Citation**

1. These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Laws – LL.B. - and the Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. - and shall be read and construed as one with the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Laws – LL.B. - and the Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. - under the auspices of the Faculty of Laws, published as Legal Notice 168 of 2005, hereinafter referred to as "the principal bye-laws".

**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable for courses commencing in October 2011 or later.

**Amendment to bye-law 3 of the principal bye-laws**

3. For bye-law 3 of the principal bye-laws there shall be substituted the following:

"3. (1) The Course leading to the Degree mainly comprises study-units dealing with law and such other study-units within a non-legal area as indicated in the programme of studies.

(2) The Course leading to the Diploma mainly comprises study-units dealing with the law of procedure."

**Amendment to bye-law 6 of the principal bye-laws**

4. For bye-law 6 of the principal bye-laws there shall be substituted the following:

"6. The programme of studies for the Degree shall consist of study-units to which 180 credits shall be assigned."

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09